MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 484/2005

**Bessam Abdul Hamid (ID 23395A)**

**Vs**

**Connie Saliba**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta’ hames mitt Lira (Lm500) rapprezentanti self lill-konvenuta sabiex tkun tista thallas il-kcina izda l-istess konvenuta baqghet inadempjenti.

Ra r-risposta tal-konvenuta li b’digriet tat-Tribunal tad-9 ta’ Gunju 2006 giet ordnata l-korrezzjoni fl-okkju fis-sens li l-kunjom taghha jinbidel minn “Zammit ghal Saliba” Tghid illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda ghaliex primarjament l-imsemmija talbiet huma preskritti a tenur

ta' Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta. Illi t-talba hija nfondata billi ma sar ebda self kif qed jghid l-attur.

Ra l-affidavit ta' Ritienne Tabone Delceppo fejn tghid illi taf personalment kemm lill-attur kif ukoll lill-konvenuta billi t-tlieta li huma kienu jahdmu flimkien. Illi kienet a konoxxenza bil-fatt li l-partijiet kellhom relazzjoni intima u dana minhabba l-fatt illi kienet personalment tarahom flimkien u wkoll ghal-fatt li l-istess konvenuta kienet tiftah qalbha maghha dwar l-imsemmija relazzjoni. Illi ma taf xejn dwar l-imsemmija somma ta' hames mitt Lira (Lm500).

Ra x-xhieda tal-attur fejn jghid illi kellu relazzjoni intima mal-konvenuta u li kien silifha ammont ta hames mitt Lira (Lm500). Illi l-konvenuta kienet qaltlu li meta jkollha l-flus troddlu lura l-imsemmija somma. Illi kien mar flimkien mall-konvenuta Ghawdex u kien taha l-hames mitt Lira (Lm500) cash u li din qaltlu li kienet ser ittih dan l-ammont izda ma ftehmux data, hin u kemm ser ittih.

Illi qabel fetah il-kawza pprova jipperswadi lill-konvenuta biex ittih il-flus lura. Illi meta bghatilha l-ittra tal-avukat din irrispondietu billi qaltlu li ma kellha l-ebda relazzjoni mieghu w li ma sselfet l-ebda ammont ta' flus minn ghandu.

Ra x-xhieda ta' Mary Caruana fejn tghid illi l-partijiet jahdmu maghha u li kellhom relazzjoni intima bejniethom. Illi ma tafx bis-somma u li l-konvenuta qatt ma semmiet xejn maghha.

Ra x-xhieda ta' George Saliba li jigi r-ragel tal-konvenuta fejn jichad illi l-konvenuta sselfet xi flus u meta mistoqsi minn fejn gabet l-ammont jghid illi gabithom b'mertu tax-xoghol taghha. Illi meta nqalet din il-problema kien icempillu l-attur u kien jghidlu li kellu relazzjoni mall-konvenuta u wkoll li kien taha xi flus. Illi saqsa lill-konvenuta dwar dan u hi qalet li kien ser jinqala l-inkwiet. Illi l-konvenuta kienet qaltlu bl-allegazzjonijiet tal-attur izda li dan mhux minnu.

Fil-kontro ezami Saliba jghid illi huwa diga kien a konoxxenza tal-kwistjoni meta cempillu l-attur rigward l-ammont imsemmi ghaliex kienet qaltlu l-konvenuta. Illi l-attur kien jghidlu li kellu relazzjoni mal-konvenuta.

Ra x-xhieda ta' Connie Saliba fejn tichad illi ghandha taghti xi flus lill-attur. Illi l-attur kien jghidilha li kellu grazzja maghha u ghalkemm kienet tavzah li hija ser tizzewweg xorta baqa jigri warajha. Illi l-attur kien jghidilha hafna affarijiet kontra r-ragel u li heddidha darbtejn li kien ser itajjarha bil-karozza u jghatiha xeba u dana biex Saliba tohrog mieghu.

Illi meta cemplitilha Mary, din staqsieta jekk l-attur kienx sellifha xi flus u Saliba cahdet dan il-fatt.  Illi taf li l-attur kien qed jallega li sellfilha xi flus izda hija tghid li ommha kienet il-persuna li ghinitha biex tixtri l-kcina u mhux l-attur. Illi l-attur baqa jcempel lilha w lir-ragel sal-punt li kellha tbiddel il-linja tal-mobile. Illi kien anke jcempel ghand ommha u li kellha titlaq mix-xoghol ghax ma ssaportietx.

Fil-kontro ezami tghid illi l-unika relazzjoni bejnha u bejn l-attur kienet dik tax-xoghol. Illi ghalkemm ix-xhieda jikkonfermaw ir-relazzjoni Saliba tghid illi ghamlu dan b'rizultat ta' konfoffa. Tghid illi kienet habiba hafna ta' Mary izda meta nqalat din il-problema ma baqghetx tkellimha. Tichad illi marret xi jiem mal-attur wahedha u li marret Ghawdex. Illi kienet tmur l-airport ghax kienet tibza mit-theddid tal-attur. Il-konvenuta terga tallega li kienet ommha li ghinita biex tixtri l-kcina.

Xehdet Margaret Zammit omm il-konvenuta illi kienet tat mitejn Lira  (Lm200) lit-tifla. Tghid illi l-attur kien icempillha u jghidilha li ser jaghti xeba lit-tifla u anke li ser itajjarha bil-karozza izda meta kkonfrontat lit-tifla din qatt ma qaltilha ghaliex. illi l-konvenuta qatt ma qalet li l-attur taha xi flus u li dejjem kienet tghid li ltaqghu fuq ix-xoghol.

Tghid illi kienet tistaqsi lill-konvenuta jekk kienx hemm relazzjoni bejnha u bejn l-attur izda t-tifla dejjem cahdet.

Ikkunsidra li l-ewwel eccezzjoni hi li t-talba hi preskritta “a tenur ta’ Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta”. Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma jistax jinghata minghajr ma jigi msemmi l-artikolu tal-ligi u ghalhekk din l-eccezzjoni hi michuda.

Il-konvenuta tghid li ma kien sar ebda self.

L-attur jghid li silef flus lil konvenuta fit-3 ta’ Frar 2004 jew fit-18 ta’ Marzu 2004 (l-attur mhux daqstant cert, ara xhieda a fol. 13 tal-process). F’dan iz-zmien skond l-attur kien hemm relazzjoni bejn il-partijiet. Illi l-attur jghid ukoll li dak iz-zmien kien jaghti hafna rigali lil konvenuta.

Ikkunsidra li l-attur ma gabx bizzejjed provi sabiex jikkonvinci dan it-Tribunal li kien hemm self ta’ hames mitt Lira (Lm500) bejn il-partijiet. L-attur kien jaghti hafna rigali lil konvenuta u jekk ried li jaghmel self wiehed kien jippresumi li almenu ikun hemm kitba dwar l-istess. Illi l-attur qal li ma kien hemm ebda zmien miftiehem dwar meta kellu jithallas lura u lanqas kien hemm ftehim dwar imghax. Dan huwa possibli ghaliex il-partijiet kienu, skond l-attur u ohrajn f’relazzjoni. Illi l-konvenuta tichad li kien hemm xi relazzjoni intima. Illi gie sottomess li din ic-cahda, meta xhieda indipendenti ikkonfermaw r-relazzjoni hija bizzejjed provi biex it-Tribunal jikkonvinci ruhu li sar self. Il-fatt li kien hemm relazzjoni ma ifissirx li kien hemm self.

Fil-kawza Xuereb vs. Gauci (Appell Inf. PS 24/3/2004) intqal:

“huwa pacifiku f’materja ta’ konflitt ta’ versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidatat minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:

li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista tikkonfronta xi wahda miz-zewg versjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra u fin-nuqqas li tigi applikata l-massima “actore non probante reus absolvitur”

Ara ukoll Fogg Insurance vs. Theuma Appell Inferjuri 22/11/2001.

Fi kliem iehor il-qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (kollez. Vol. L. p.11.p.440)."

Illi f'dan il-kaz l-attur ma gabx bizzejjed provi konvincenti li kien hemm self, il-versjoni tieghu mhux aktar kredibli u attendibbli minn dik tal-konvenuta. Illi jista jkun li l-attur kien jaghti l-affarjiet lil konvenuta waqt u minhabba r-relazzjoni li seta kellhom izda dan ma ifissirx li kien hemm ftehim ta' self.

Ghaldaqstant jichad it-talba tal-attur. Bl-ispejjes kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------